**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Gunju, 2017**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 461/2014**

**Pierre Spiteri**

**vs**

**Emanuel Falzon u**
**b’digriet tat-3 ta’ Marzu 2015**
**giet kjamata fil-kawza Joem Autoparts Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-27 ta’ Mejju, 2014 li jghid hekk:

1. Ili permezz ta' skrittura privata tat-tmienja (8) ta' April elfejn u disgha (2009), l-attur dahal fi ftehim mal-intimat sabiex l-istess attur jghaddi lill-intimat l-istokk ta' parts tal-karozzi li kien jinsab mahzun fl-istess proprjeta tal-attur igifieri fil-hanut numru 86 gewwa Naxxar Road, Birkirkara li kien igib l-isem ta' 'Autopoint' u fil-warehouse ta' Brared Street, Birkirkara, flimkien mad-dritt li l-intimat juza l-isem ta' 'Autopoint' fit-trattati tieghu ma ZF Sachs, is-suppliers tal-istess attur, ghal perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar mid-data ta' l-istess skrittura (kopja tal-kuntratt qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata bhala 'Dok. PS1 ');

2. Illi l-intimat Emanuel Falzon intrabat illi jhallas lill-attur Pierre Spiteri il-prezz globali ta' disghin elf ewro (€90,000) ghall-parts u l-uzu tal-isem u ghaldaqstant ikkostitwixxa ruhu debitur tal-attur fis-somma ta' disghin elf ewro (€90,000);

3. Illi l-ammont surreferit ma kienx jinkludi t-taxxa tal-VAT;

4. Illi l-ammont surreferit kellu jithallas billi jitnaqqsu ghoxrin elf ewro (€20,000) mill-prezz globali, liema ammont gie mghoddi lill-attur mal-firma tal-istess ftehim, u il-

bilanc ta' sebghin elf ewro (€70,000) jitqassam f'rata ta' tlett elef u wiehed u erbghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,041.56) li jithallsu kull xahar fuq erbgha u ghoxrin (24) xahar li kellhom jibdew jiddekorru mid-disgha (9) ta' Mejju elfejn u disgha (2009), b'interessi bir-rata ta' erbgha fil-mija (4%) fis-sena (kopja tal-'Loan Repayment Schedule' qed tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok. PS2');

5. Illi l-intimat Emanuel Falzon, qatt ma hallas l-ammont dovut fl-intier tieghu u dan billi arbitrarjament u minghajr ebda komunikazzjoni mal-attur Pierre Spiteri, waqaf ihallas ir-rati mensili b'dan ill i l-ahhar pagament sar f'Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

6. Illi ghaldaqstant jifdal bilanc ta' tlieta u ghoxrin elf ewro, disgha mija u tnejn u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu x'jithallsu mill-intimat lill-attur (€23,972.66);

7. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut;

8. IIli minkejja diversi interpellazzjonijiet l-intimat qed jirrifjuta li jhallas l-ammont dovut lill-attur;

9. Illi fil-fehma tal-attur, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissoleva;

10. Illi fic-cirkostanzi l-attur ma kellux triq ohra hlief li jintavola din il-kawza;

11. Illi dawn il-fatti, l-attur jafhom huwa personalment;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Emanuel Falzon huwa debitur tal-attur Pierre Spiteri fis-somma kumplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf ewro, disgha mija u tnejn u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€23,972.66) skont il-ftehim vigenti bejniethom tad-disgha (9) ta' April elfejn u disgha (2009).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf ewro, disgha mija u tnejn u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€23,972.66) fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata 4 ta’ April 2014 u bl-imghaxijlet legali mid-data tal-ahhar pagament sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut huwa minn issa ingunt in subbizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Emanuel Falzon li tghid hekk:

1) Illi preliminarjament, l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-porceduri stante illi l-merkanzija mertu ta' dawn il-proceduri giet akkwistata mis-socjeta maghrufa f’pajjiza JOEM AUTOPARTS LIMITED [C6684] u li hija importatrici ewlenija ta' parts ghall-karozzi, kif ser jirrizulta amjament waqt it-trattazzjoni tal-

kawza de quo, kif jidher ukoll mill-korrispondenza skambjata bejn l-intimat dejjem ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta msemmija JOEM AUTOPARTS LIMITED (kif jidher mill-kopji tal-emails annessi bhala Dokument "A", kif ukoll mic-cekkijiet li thallsu akkont tas-somma miftehma (bhalma jidher mill-kopja annessa bhala Dokument "B"), liema socjeta tinstab f'67, Triq B'Kara, San Gwann sa mill-1988 kif jidher mid-Dokument anness estratt mill-MFSA bhala Dokument "C";

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-ammont mitlub fir-rikors guramentat mhuwiex dovut mill-intimat personalment u lanqas mis-socjeta' JOEM AUTOPARTS LIMITED peress u l-merkanzija mibjugha permezz tal-ftehim imsemmi tat-8 ta' April 2009 ma kinitx tal-kwalita patwita tant li l-maggiorparti taghha ma setghetx tinbiegh;

3) Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, u dejjem fil-mertu, l-esponent, dejjem f'isem is-socjeta' JOEM AUTOPARTS LIMITED, gialadarba ressaq dan l-ilment mar-rikorrent (kif jidher mill-emails skambjati annessi bhala Dokument "A"), kif ukoll permezz tal-korriposndenza skambjata (Dokumenti "E, F, G u H"), fejn huwa spjega illi kien qed jirrespingi l-pretenzjonijiet tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija mibjugha skond il-ftehim tat-8 ta' April 2009 ma kienetx skond il-kwalita u l-kwantita patwita peress li:
i. Il-maggior parti taghha kienet antika u rovinata bl-effett tax-xemx, umdita u t-trapass taz-zmien;
ii. parti sostanjzali mill-merkanzija kienet tikkonsisti f'parts imdahhla f'kaxxi hziena li ma kienux taghhom b'tali mod illi ma setghu qatt jinbieghu; u
iii. l-merkanzija fattwalment ikkonsenjata kienet ta' kwantita ferm anqas mill-istock tal-merkanzija patwita fil-ftehim; tant hu hekk illi inti stess kont xhud li l-mittenti ma accettax li jiehu in konsenja kwantita ta' merkanzija li ffurmat parti mill-ftehim, inkluz silencers, filters u hafna parts tal-karrozzi ohra li baqghu fil-pussess tar-rikorrent stess;

4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, is-somma imhalsa lir-rikorrent mis-socjeta JOEM AUTOPARTS LIMITED akkont tal-ftehim gja teccedi l-valur tal-merkanzija ikkonsenjata li ma kienetx kif deskritta mir-rikorrent u skond il-kwalita u l-kwantita patwita, u dan jista' jigi liberalment valutat minnu stess peress li l-istock li ma jistax jinbiegh u ghadu jinstab ta' ingombru fl-istores tas-socjeta JOEM AUTOPARTS LIMITED kif jidher mir-ritratti tal-merkanzija annessa immarkati "Dok. I" sa "Dok L";

5) Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.
Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra gudizzjarja numru 1419/14, u b'rizerva ta' kull dritt ta' azzjoni fil-konfront tar-rikorrent. .

Rat ir-risposta guramentata ta' Joem Autoparts Limited li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, qed jigi impunjat il-kuntratt tat-tmienja (8) tal April elfejn u disgha (2009) a tenur tal-art. 1226 tal-Kodici Civili, dovut ghal zball determinanti, soggettiv, unilaterali u skuzabbli dwar il-merkanzija mibjugha (artikolu 976 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll peress illi s-socjeta intimata giet ingannata mir-rikorrent b'qerq gravi ta' grad bizzejjed li minghajru l-istess socjeta intimata minghajr dubju ma

kinitx tidhol fin-negozju mieghu, kif ser jigi ippruvat ampjament waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna (artikolu 981 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub fir-rikors guramentat mhuwiex dovut mis-socjeta intimata peress li l-merkanzija mibjugha ma kinitx tal-kwaIita patwita tant li l-maggiorparti taghha ma setghetx tinbiegh peress li kienet antika u rovinata bl-effett tax-xemx, umdita u t-trapass taz-zmien, kif ukoll peress li parti sostanjzali mill-merkanzija kienet tikkonsisti f’parts imdahhla f’kaxxi hziena li ma kienux taghhom b'tali mod illi ma setghu qatt jinbieghu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, s-somma mhallsa lir-rikorrent mis-socjeta esponenti akkont tal-ftehim gia teccedi l-valur tal-merkanzija ikkonsenjata li ma kinitx kif deskritta mir-rikorrent u skond il-kwalita u l-kwantita patwita, u dan jista' jigi liberalment valutat minnu stess peress li l-istock li ma jistax jinbiegh u ghadu jinstab ta' ingombru fl-istores tas-socjeta esponenti kif ser jirrizulta sahansitra mir-rapport tal-Perit Alan Saliba A&CE li qed jigi redatt fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

4. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, u dejjem fil-mertu, is-socjeta esponenti ressqet l-ilmenti taghha mar-rikorrent (kif jidher mill-emails u l-korrispondenza skambjati li gew annessi mar-risposta guramentata tal-intimat Falzon personalment bhala Dokumenti "A, E, F, G u H") u li a skanz ta’ dilungar u kopji inutili qed issir riferenza ghalihom mill-esponenti, fejn huwa spjega illi kien qed jirrespingi l-pretenzjonijiet tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt kif aktar 'il fuq gie eccepit;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, s-somma mhallsa lir-rikorrent mis-socjeta esponenti akkont tal-ftehim in ogni caso gia teccedi l-valur tal-merkanzija ikkonsenjata li ma kinitx kif deskritta mir-rikorrent u skond il-kwalita u l-kwantita patwita, u dan jista' jigi liberalment valutat minnu stess peress li l-istock li ma jistax jinbiegh u ghadu jinstab ta' ingombru fl-istores tas-socjeta esponenti kif ser jirrizulta sahansitra mir-rapport tal-Perit Alan Saliba A&CE li qed jigi redatt fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.
Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra gudizzjarja numru 1419/14, u b'rizerva ta’ kull dritt ta’ azzjoni fil-konfront tar-rikorrent mis-socjeta esponenti.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

F’din il-kawza l-attur qed jitlob bilanc ta’ prezz dovut lilu mill-konvenuti jew min minnhom in konnessjoni ma’ bejgh ta’ stock ta’ parts ta’ vetturi li sar fit-8 ta’ April 2009.

Il-konvenut Emanuel Falzon jilqa' ghal din it-talba billi jghid li mhux legittmu kontradittur ghax hu dejjem agixxa f'isem is-socjeta Joem Autoparts Limited. Fil-mertu jghid li l-maggor parti tal-merkanzija ma kinitx tal-kwalita pattwita peress li in parti kienet rovinata bl-elementi u trapass taz-zmien; in parti kienet imdahhla f'kaxxi li ma jaqblux mal-parts; il-kwantita kienet anqas minn dak miftiehem tant li parti mill-merkanzija lanqas ittiehdet. Fi kwalunkwe kaz l-ammont imhallas gia jeccedi l-valur tal-merkanzija konsenjata.

Is-socjeta Joem Autoparts li giet imsejha fil-kawza laqghet ghall-azzjoni billi qed timpunja l-ftehim a bazi tal-artikolu 1226 tal-Kap. 16 minhabba zball dwar il-merkanzija mibjugha (art. 976 Kap. 16) u minhabba qerq gravi li kieku kienet konsapevoli tieghu ma kinitx tidhol ghal ftehim (art. 981 Kap. 16). In oltre qed tallega li l-merkanzija mibjugha ma kinitx tal-kwalita pattwita ghall-istess ragunijiet li gew maghmula min Emanuel Falzon.

**Eccezzjoni tal-konvenut dwar il-legittimu kontradittur**

Hu minnu illi Emanuel Falzon jghid illi jirraprezenta lil Joem Autoparts Limited u illi n-negozju dejjem sar mas-socjeta u in oltre jidher li l-ewwel hlas akkont, mal-iffirmar tal-iskrittura saret mis-socjeta (fol. 43 tal-process) Joem Autoparts, pero madankollu l-iskrittura iffirmaha hu f'ismu minghajr ma ssemmiet ebda socjeta. Dan seta' jaghmlu facilment ghax mieghu fuq l-iskrittura bhala xhud deher Alfred Camilleri, li kien jiehu hsieb l-accounts u paper work tas-socjeta u seta' irrimarkaha. Is-socjeta Joem Autoparts implicitament tqis lilha nfisha bhala legittimu kontradittur f'din l-azzjoni billi l-eccezzjonijiet taghha huma kollha fil-mertu. Il-Qorti tqis illi z-zewg konvenuti ghandhom locus standi f'din l-azzjoni b'mod solidali bejniethom.

**Provi**

Emanuel Falzon xehed illi l-ftehim sar fl-ufficcju ta' Joeam Autoparts Limited u nkiteb dak il-hin ghalkemm l-intiza kienet li sussegwentement isir quddiem nutar. Inkiteb min Vincent Pisani u Pierre Spiteri fil-prezenza tieghu u l-accountant tad-ditta Alfred

Camilleri. Hu qal li l-ftehim kien intiz li jsir mieghu f'isem Joem Autoparts Limited u dan kien maghruf ghal partijiet, tant hu hekk li kieku xtara f'ismu kien ikollha tiffirma martu. Il-merkanzija mibjugha ma kinitx tal-kwalita miftehma ghax antika u rovinata biex-xemx u umdita u trapass taz-zmien; parti sostanzjali tal-parts kienet imdahhla f'kaxxi hziena b'mod li ma jinbieghux; in oltre l-kwantita mibjugha kien ferm inqas minn dak pattwit. Parti mill-merkanzija baqghet ghand l-attur ghax ma setghetx tinbiegh. L-ammont li lahaq hallas lil attur jeccedi l-valur tal-merkanzija li lahqet giet konsenjata. In oltre l-attur ma zammx mal-ftehim ghax ma offra ebda ghajnuna fit-tahditiet mad-ditta tal-parts Sachs u llum hemm negozji ohra f'Malta li jissuplixxu l-parts Sachs mhux kif wieghed l-attur li ser isiru agenti esklussivi. L-attur kellu wkoll jmur maghhom f'fiera fi Frankfurt biex ighaddilhom kuntatti li kellu ma ditti ohra izda baqa' ma marx.

In kontroezami qal li mar darba jew darbtejn jara l-affarijiet fil-garaxx ta' Spiteri qabel iffirma l-ftehim izda kien hemm hafna affarijiet li kienu maghluqin fil-kaxex. Kien hemm eluf ta' affarijiet cioe spare parts tal-karozzi ta' ditti mhalltin kemm godda u kemm antiki u tara ftit u tghid kollox sew. Il-ftehim inkiteb u inqara quddiemu. Hu ha konsenja ta' hafna mill-affarijiet u sar xi hlas ukoll. Qal li lmenta mal-attur qabel saret il-kawza pero hu ma kienx ha l-istock kollu u l-mara ta' Sptieri kienet intimat li ser tarmih jekk ma jmurx ghalih. Ghalhekk mar hadhom malajr biex ma jintremewx. Hu stqarr li kien f'din l-okkazzjoni li qal lil attur li l-affarijiet ma kienux tajbin. Hu ma hax kollox ghax kien ghad fadal l-affarijiet ghand l-attur, li ma kienux tajbin. Zied li qabel marru jiehdu l-affarijiet meta intimathom mart l-attur ma kellhomx cans janalizzaw sew l-affarijiet u bdew ibieghu, imma fadal hafna affarijiet li hallewhom mal-art fil-garaxx tas-socjeta konvenuta fejn rahom il-perit tal-Qorti. Rigward in-nuqqas fl-ammont ta' parts mibjugha qal li meta tmur tara eluf ta' oggetti ma tistax toqghod tara ezatt kemm hemm. Zied li minn dak li hallas lanqas gabar nofshom ghax uhud mill-affarijiet ma jistghux jinbieghu. Rigward id-ditta Sachs qal li hu jahdem maghhom izda l-attur kellu jitla' l-fiera tal-Germanja mieghu u ma marx. L-iskop kien li ser ighaddilu l-agenzija tad-ditta.

Alfred Camilleri xehed li hu jahdem fl-accounts u data input ta' Joem Autoparts Limited u li Emanuel Falzon dejjem xtara parts f'isem Joem Autoparts Limited. Hu

kien involut fl-iskrittura mertu tal-kawza bhala xhud. Hu ma rax l-istokk qabel il-ftehim u l-parts bdew jingarru fil-mahzen f'San Gwann. Hu ma rahx lanqas meta beda jingarr lejn l-istabbiliment ta' Joem Autoparts pero meta tellghulu xi parts biex idahhalhom fil-computer innota parts f'kaxex miftuhin, part numbers mhassrin u mibdulin, xoghol f'kaxex li mhux taghhom u parts li ftit li xejn jintuzaw fis-suq Malti. In oltre kien hemm xi parts li ma jistghux jinbieghu fis-suq Malti. Dan mhux verifikabbli mill-istock list ghax per ezempju ma jkollomx in-numru tal-mudell tal-vettura li jista' allura ikun wiehed antik u ma ghadux fis-suq.

Antoine Falzon bin Emanuel xehed li hu kien jahdem bhala storekeeper fl-istabbiliment ta' missieru u kien involut fin-negozjati li saru ma' Pierre Spiteri, izda ma kienx prezenti meta gie ffirmat il-ftehim. Missieru kien qallu li Pierre Spiteri ser ighaddilu xi agenziji ta' ditti fosthom 'Sachs'. Wara li gie ffirmat il-ftehim mar ma' lavrant iehor ta' Joem fl-istore ta' Pierre Spiteri, u nnota l-istat hazin tax-xoghol fis-sens li kien fihom hafna trab u hmieg, u kaxxi fil-parts li kienu sfaru bix-xemx. Imlew il-vann u marru fl-istabbiliment tal-Joem. Huma riedu jdahhlu l-parts mixtrija fil-computer biex jizdied mal-parts li gia kellha d-ditta circa xi sittin elf item. Meta beda jsir dan ix-xoghol raw li hafna kaxxi ma kienx fihom il-part deskritt fuq il-kaxxa b'mod li ma tistax tindividwa l-part ghal liema mudell ta' karrozza tirreferi. Avza lil missieru u qallu jkomplu bis-sorting tat-tahwid. Hu kompla jiehu konsenja tal-merkanzija xi darba fil-gimgha, dejjem bl-istess rizultat. Qata' qalbu li jdahhal il-merkanzija fis-sistema minhabba dan it-tahwid u r-rovina fil-prodott li jaghmlu l-prodott mhux tajjeb ghal bejgh. Uhud mill-parts kienu ta' vetturi li lanqas jinbieghu f'Malta. Ittiehdet ukoll id-decizjoni li hafna mill-istock lanqas jingabar minhabba l-istat imsaddad. In oltre Pierre Spiteri ingannahom ghax fuq il-lista tal-parts kellu jnizzel il-cost price mentri irrizulta li l-prezzijiet immarkati kienu anki jeccedu s-selling price. Dan seta' jigi verifikat facilment meta ordnaw parts godda minn barra. Hu kkalkula li kwart biss mill-parts mixtrija ddahhlu fis-sistema u tpogga ghal bejgh ghalkemm hafna minnu ma nbieghx. Kwart iehor baqa' fl-istores taghhom u l-bqija baqa' ghand Pierre Spiteri. Hu esebixxa Dok. AF1 li hu stocklist tal-merkanzija maghmula mill-attur. Hu mmarka fuq l-istock list dawk l-oggetti li hadu konsenja taghhom wara l-ftehim. Dawk li thallew bla marka jindikaw li ma nstabux jew kienu fi stat hazin. Din ghadha fl-

istores ta' missieru. Gie esebit Dok. AF3 li hi l-istock list li ghamlet is-socjeta konvenuta tal-affarijiet li setghu jinbieghu.

Il-lavrant Toni Gerada li kien imur igorr l-affarijiet mixtrija minghand l-attur flimkien ma' Antoine Falzon ikkonferma x-xiehda ta' Antoine Falzon rigward il-kondizzjoni tal-kaxxi bil-parts. Fil-kontroezami qal li avolja fl-affidavit xehed li ma jafx x'kienet il-konidzzjoni tal-parts fil-kaxxi pero sostna li fetah kaxxi u rahom fi stat hazin.

Mario Falzon li jahdem fis-sales department ta' Joem Autoparts xehed li ghalkemm is-socjeta dahlet fi ftehim ma' Pierre Spiteri biex jaqleb l-agenzija li kellu minghand is-socjeta li ghandha r-rapprezentanza ta' Sachs ghal fuqhom, dan qatt ma sehh izda llum Joem tixtri parts minghand Sachs b'hidma li ghamlet hi stess. Fil-fatt Pierre Spiteri kellu jattendi fiera maghhom fil-Germanja in konnessjoni mal-ftehim biex jintroducihom mad-ditta barranija pero qatt ma attenda u anqas ikkomunika mad-ditta barranija. Wara s-socjeta Joem bdiet process twil biex timporta l-prodotti tad-ditta Sachs tant li ghall-ewwel il-bejgh kien isir f'isem id-ditta ta' Pierre Spiteri Autoparts u l-hlas isir minn Joem. Mhux hekk biss izda irrizulta li Pierre Sptieri hu biss stockist u anqas ma kien authorised reseller jew rapprezentant tad-ditta estera u sallum Joem Autoparts mhix authorised reseller jew rapprezentant tad-ditta estera f'Malta. Hu esebixxa Dok. MF1 b'lista ta' tlett ditti rikonoxxuti f'Malta ghal Sachs, wiehed minnhom li gie rikonoxxut wara li Joem bdiet iggib il-parts hi stess. In oltre jirrizulta li s-socjeta estera li tirraprezenta lil Sachs anqas taghti agenziji esklussivi barra l-Germanja izda tirrikonoxxihom bhala authorised resellers biss. Dan imur kontra dak li qal li kellu Pierre Spiteri li kien ser jaqleb l-agenzija li kellu ma' Sachs.

L-attur xehed li hu kien ilu fin-negozju ta' spare parts xi 23 sena u kellu kuntatti ma' diversi ditti barranin u ma kienx marbut ma' mudell jew iehor ta' vettura izda kien jistokkja minn kollox skond x'jitlob il-klijent. Kien ilu jaf lil konvenut xi 21 sena u kien wiehed mis-suppliers tal-attur. Fl-2008 kellu opportunita ta' mpjieg barra minn Malta u ghalhekk ried ibiegh in-negozju tieghu u avvicina lil Emanuel Falzon li kien jaf li l-attur kien stockist tad-ditta renomata Sachs. Innegozjaw fuq prezz u ftehmu fuq is-somma ta' €90,000. Emanuel Falzon insista li ried jahdem mas-Sachs u ma tantx kien interessat fl-istock. L-attur qallu li ma kellux poter li jaghtih l-operat mad-ditta

Sachs pero offrielu li jghinu biex jimporta u jbiegh prodotti Sachs. Emanuel Falzon mar xi drabi jara l-istock li kienu fuq l-ixkafef. Meta mar jara l-affarijiet waqt l-access tal-perit tekniku, l-affarijiet kienu mal-art f'munzell, qishom imbarazz. Wara l-ftehim Falzon beda jhallas regolarment u kien qed jiehu konsenja tal-affarijiet ftit ftit. L-attur ried iwelli l-hanut u talab lil konvenut biex jfittex jiehu l-affarijiet. Dam xi sena jgorr. F'xi zmien Falzon waqaf ihallas u meta talbu spjegazzjoni dan qallu li kien hallsu bizzejjed. Rigward il-kwistjoni ta' parts mhux fil-kaxxi taghhom qal li certu parts ma jinxtrawx f'kaxxi ghal rashom u ghalhekk kien juza kaxxi zejda biex jistiva ahjar u jimmarka fuqhom x'fihom. Il-klijenti hafna drabi ma jkunux iridu l-kaxxa izda l-part. Hu kellu ftit xoghol fil-kaxxi mal-art izda l-maggoranza kienu fuq xkaffi. Hu sostna li l-parts li biegh kienu fi stat tajjeb.

L-ex mara ta' Pierre Spiteri xehdet li kienet tghin lil zewgha fin-negozju. Hi fil-fatt ghenitu fl-istock take qabel sar il-bejgh billi zewgha kien ser jahdem barra minn Malta. Falzon wera interess partikolari fid-ditta Sachs pero zewgha insista li hu ried ibiegh in-negozju bl-istock. Hi kienet tiftah l-istore biex Falzon jiehu konsenja tal-istock u fil-fatt l-ewwel ha l-istock ta' Sachs. Dam xi sena u tmien xhur biex ha l-maggoranza tal-istock u hadu pacenzja bih ghax setghu krew l-istore kieku Falzon ha l-istock malajr. Fl-ahhar fil-fatt ippressawh biex jiehu l-istock kollu. Tiftakar okkazzjoni wara l-bejgh fejn zewgha u Emanuel Falzon tkellmu hafna fuq id-ditta Sachs u zewgha tah hafna pariri biex jistokkja ditti ohra.

Vincent Pisani li kien ighin lil attur fin-negozju xehed li Falzon kien ifahhar il-prodotti li kien ibiegh l-attur u meta sar l-avvicinament ghal bejgh, l-attur ghamilha cara li ried ibiegh in-negozju u mhux biss il-prodotti ta' Sachs li Emanuel Falzon wera interess partikolari fihom. Hu u l-attur ghamluha cara li kienu stockists u distributors tad-ditta Sachs pero l-attur kien lest ighin lil Falzon u jaghtih pariri fuq in-negozju u jirsistilu mal-fornituri tal-parts u klijenti stabbiliti tieghu. Hu assista fl-istock take qabel il-bejgh u kkonferma li l-istock kien ippustjat b'reqqa, kollox coded u f'kondizzjoni tajba. Kien hemm xi ftit items mhux fil-kaxxa proprja taghhom u tpoggew f'kaxxi ghal protezzjoni pero xorta kienu identifikabbli mill-part number fuq l-item. L-attur ghadda lil konvenut l-katalgi u price lists relattivi b'indikazzjoni tal-parts u codes u l-prezzijiet. Haddiema tal-konvenut kienu gew xi darbtejn jevalwaw l-istock. Il-ftehim gie abbozzat mix-xhud,

u wara l-ftehim kien imur jigbor l-hlas rateali miftiehem. F’okkazzjoni minnhom Falzon waqaf ihallas u qallu li xtaq ikellem lil attur.

**Konsiderazzjonijiet legali**

**Eccezzjoni tal-konvenuti li l-merkanzija ma kinitx tal-kwalita pattwita**

Ir-riassunt tal-provi kien necessarju ghaliex il-konvenuti jaghmlu l-eccezzjoni li l-merkanzija ma kinitx tal-kwalita pattwita. Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenuti hadu konsenja tal-affarijiet mibjugha avolja mhux kollox. Jidher li mpjegati tal-istess konvenuti u bin il-konvenut marru jiehdu konsenja tal-affarijiet mibjugha fuq perjodu pjuttost twil ta’ zmien li skond l-attur u martu kien ta’ bejn sena u sena u nofs. Kien biss f’xi zmien wara li l-konvenuti waqfu milli jkomplu jigbru l-merkanzija. Ma jidhirx li l-attur kien izomm lil konvenuti milli jiehdu konsenja anzi ried li l-merkanzija ttiehed malajr mill-konvenuti biex ikun jista’ jwelli l-mahzen fejn kienu mizmuma.

L-artikolu 1390 tal-Kap. 16 jghid hekk:

> Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.

Bhala principju regolatur dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita tal-Qorti (**Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Pauline Buhagiar nomine**, App Civ, 28/04/2000). Naturalment skond l-istess termini tal-artikolu tal-ligi, huwa seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit.

Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott** (App Civ 19/05/2000) gie in oltre ritenut li

> "Din kienet difiza Ii I-kompratur seta' javanza ukoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' I-oggett in vendita, Mill-banda I-oh ra, jekk il-kompratur jaghzel Ii jzomm I-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt Ii dak I-oggett ma jkunx skond il-

kampjun jew tal-kwalita' pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu".

Fl-istess vena l-istess principju gie ripetut fis-sentenza **Vastek International Limited vs Engineering and Technology Limited** (PA 15/12/2003) li rriferit ghal decizjonijiet ohra fuq l-istess punt, kif ukoll **J.C. Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited** deciza fit-28 ta' Gunju 2001.

Il-forma guridika tar-rifjut hi komunement meqjusa bhala d-depozitu formali tal-oggett permezz ta' cedola fil-Qorti u f'kazijiet ta' oggetti kbar id-depozitu fiziku tal-oggett ghand konsenjatarju.

Il-konvenuti ma ddepozitaw xejn fil-Qorti mill-affarijiet mibjugha u konsenjati lilhom, anzi jidher ex admissis li bieghu parti mill-affarijiet mibjugha. Qatt ma sar rifjut formali da parti tal-konvenuti hlief li f'xi zmien waqfu jigbru l-merkanzija mibjugha. Jidher in oltre illi l-konvenuti ghamlu perjodu ta' aktar minn sena u tlett xhur wara l-ftehim jhallsu l-prezz bil-modalita miftehma fl-iskrittura tat-8 ta' April 2009. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi din l-eccezzjoni ma fiha ebda fundament legali biex tirnexxi ghax l-atteggjament tal-konvenuti hu inkonsistenti mar-rifjut tal-oggett u d-depozitu tieghu qabel ma saru l-proceduri kontrihom ghal hlas tal-bilanc tal-prezz. In-nuqqas tal-konvenuti li jiehdu konsenji tal-merkanzija kollha ma tekwivalix ghal rifjut tan-negozju.

**Zball u qerq**

Is-socjeta konvenuta teccepixxi l-izball u l-qerq biex tirrexxindi l-ftehim li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tal-bilanc tal-prezz. Il-Qorti tqis bhala kontradittorja dawn l-allegazzjonijiet da parti tas-socjeta konvenuta meta d-diretturi taghha, cioe l-persuna fizika Emanuel Falzon li nnegozja u ra l-merkanzija fil-mahzen tal-attur ma ghamilx tali allegazzjoni fl-eccezzjonijiet minnu prezentati. Hu eccepixxa biss li l-merkanzija ma kinitx tal-kwalita pattwita li implicitament ifisser li la ha zball u anqas gie mqarraq meta kien qed jikkuntratta.

Fuq din il-bazi biss l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu michuda. Madankollu ghal kompletezza l-Qorti ser tikkonsidrahom ukoll.

**Eccezzjoni tas-socjeta Joem Autoparts Limited li l-ftehim hu effett minn zball da parti tas-socjeta kommess mill-kumpratur**

**Zball**

L-artikolu 976 ighid:

> (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġgett tal ftehim.
> (2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim.

Fil-kawza **Pisani vs Mamo**, deciza App, 7/11/1933, intqal li

> la dottrina da accettarsi nella soggetta materia e` quella secondo cui l`errore non puo` addursi quando e` effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell`errore anche con lieve diligenza, perche` in tal caso e` da applicarsi la massima qui sua culpa damnum sit, non videtur damnum sentire". Aktar qabel, l-istess Onorabbli Qorti, fil-kawza "Mifsud vs Bonnici", deciza fl-4 ta` Gunju, 1910, kienet osservat illi "e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezzione ne` difesa". Dan il-principju gie ribadit, wara studju dettaljat tal-Istitut, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza klassika "Cutajar vs Petroni", deciza fil-15 ta` Lulju, 1969, li kkonkludiet l-istudju taghha in subjecta materja billi osservat li "l-izball bizzejjed li jkun unilaterali, basta jkun determinanti u skuzabbli.

Illi hekk gie ritenut ukoll fis-sentenza "Piscopo vs Filletti" (P.A. – 16 ta' Gunju 2003) fejn gie affermat li "ma hemmx zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli" Fil-kawza "Borg nomine vs Grima nomine et" (Q.K – 3 ta' Gunju 1994) inghad li zball ma huwiex skuzabbli meta wiehed ikun traskurat u jiffirma qabel ma jaqra l-karta jew naqas li jitlob li tali skrittura, jekk ma fehmiex, tigi lilu spjegata.

Jinkombi fuq is-socjeta konvenuta li turi li dan kien zball ta' fatt determinant, soggettiv, unilaterali u skuzabbli dwar il-merkanzija mibjugha. Il-Qorti hi tal-fehma illi Emanuel Falzon mar aktar minn darba jara l-merkanzija u kellu kull opportunita illi qabel ma jiffirma jara sew x'qed jixtri. Ma jistax jinghad li l-merkanzija kienet mistura

jew mohbija. Kellu kull opportunita jaghmel il-verifiki li dehrlu izda ghazel li jixtri wara li ra u ghogbu dak li ra. Wara kollox kien hemm stocklist maghmula u mhux skuzanti li kien hemm eluf ta' parts x'ticcekkja u ma qaghdx jivverifika sew. Kien biss wara meta ha konsenja u anki beda jbiegh xi affarijiet konsenjati li jidher li gieh ripensament fuq oggetti li skond hu ma setghax jinbieghu. Jidher ukoll illi parti mir-ripensament gieh wara li hu ma akkwistax l-agenzija ta' distribuzzjoni tal-marka Sachs.

Ghalhekk din l-eccezzjoni mhix fondata.

**Eccezzjoni tas-socjeta Joem Autoparts Limited li l-ftehim hu affett minn qerq kommess mill-attur fil-konfront tal-konvenuti**

L-artikolu 981(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.

Kif inghad fil-kawza **George Portelli vs Ivan John Felice** (PA 28/07/2004):

> Biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jhassar is-siwi tal-istess kunsens, jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu jihom infushom gravi (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir ezagerat dwar xi kwalita' tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwestjoni.

F'dan il-kaz il-Qorti tqis illi li ma kien hemm ebda mezzi qarrieqa adoperati mill-vendituri fil-konfront tal-kumpraturi. Il-prodott mibjugh ma kienx mohbi mill-kumpratur li kellhom kull opportunita li jivverifikaw u fl-ebda hin qabel ma gie ffirmat il-ftehim ma jidher li gie mcahhad l-access ghal merkanzija li kienet ser tinbiegh. Jidher li l-intenzjoni primarja tal-akkwirenti kienet l-akkwist tal-merkanzija tad-ditta Sachs kif ukoll il-possibilita li l-akkwirenti jkunu jistghu jibdew jixtru huma direttament minghand l-istess ditta. Fuq dan, il-kuntratt kien car. Il-venditur accetta li l-kumpratur juza' l-isem tad-ditta tal-venditur fit-trattati ma' Sachs ghal 24 xahar u li b'dan ikun infurmat il-venditur. Il-hlasijiet ghal ordinijiet ikunu a karigu tal-kumpratur f'dan il-perjodu. Ma

jirrizultax kif allegat min Falzon u s-socjeta konvenuta li l-ftehim kien fis-sens li l-venditur kien ser ighaddilu xi agenzija esklussiva jew li l-istess venditur allegatament kellu tali agenzija mad-ditta Sachs. Dan ma jirrizultax la mill-iskrittura u anqas mill-provi. Il-venditur obbliga ruhu jaghti kull ghajnuna u support f'dak li ghandu x'jaqsam ma' Sachs. L-obbligu tal-venditur kien biss li jekk Sachs tieqaf tissuplixxi lil kumpratur taht l-isem Autopart (tal-venditur) allura l-prezz tal-bejgh tal-istock kellu jaqa' ghal €60,000 minn €90,000. Pero ex admissis min Emanuel Falzon is-socjeta Sachs baqghet tissuplixxi lis-socjeta konvenuta bil-parts bhala stockist kif del resto kien il-venditur. Ghalkemm Falzon jallega li l-venditur wieghed li kellu agenzija pero din ma tirrizultax bhala prova li fil-fatt il-venditur qatt wieghed dan u l-iskrittura hi cara fuq dan l-aspett.

Is-socjeta konvenuta tallega li giet ingannata b'parts li ma kienux jistghu jinbieghu f'Malta, parts qodma bi hsara evidenti fuqhom u lista ta' prezzijiet li ma kienux jirriflettu l-cost price izda prezz aktar oghla mill-prezz tal-bejgh fis-suq tal-part innifsu. Il-Qorti tqis illi l-perizja teknika ordnata mill-Qorti ma tatx ebda solliev lil konvenuti. Xi parts in parti kienu f'munzell f'garaxx tal-konvenuti u parts ohra mifruxin fil-hanut tla-konvenuti mhalltin ma' ohrajn mhux mertu tal-azzjoni. Il-konvenuti mkien ma jallegaw illi l-lista tal-istock ma gietx moghtija lilhom u allura kellhom jekk riedu kull dritt jivverifikaw il-kontenut u prezzijiet qabel iffirmaw. Huma raw jew kellhom il-possibilta li jaraw u jivverfikaw il-prodott li ser jinbiegh u l-prezzijiet ikkwodati u jaghmlu l-kostatazzjonijiet taghhom qabel jixtru. Jekk dan ma ghamluhx jew ghamluh leggerment ma jistghux jippretendu li wara n-negozju jerga' jibdilhom u jaqbdu ma allegazzjoni ta' qerq li mkien ma giet pruvata. Jekk ghamlu negozju hazin b'ghajnejhom miftuha dan mhux qerq izda riskju tal-kummerc u xejn aktar u dan jinghad ukoll b'referenza ghal fatt illi l-konvenuti bieghu parti mill-prodott mixtri u kien biss zmien wara li waqfu jhallsu r-rati ta' pagament miftehma.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Emanuel Falzon li mhux legittimu kontradittur u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lil attur is-somma ta'

€23,972.66 bl-imghax mid-data tal-ahhar pagament cioe Awwissu 2010 sal-hlas effettiv. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur